MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 858/2007

**Francis Camilleri.**

**-vs-**

**Joseph Camilleri.**

**Il- Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf li kien presentat fl-10 ta' Awissu 2007 fejn l-attur qal hekk:-

"(1) Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju ta' art formanti parti minn porzjon art maghrufa bhala tal-Harruba konfinanti ma' Triq l-Arcisqof Gargallo fil-limiti tal-Gharghur, liema porzjon qed tigi mmarkata bl-ittra 'A' fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. A' u dan kif jidher mill-kuntratt ta' donazzjoni u divizjoni fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat 5 ta' Dicembru, 1973, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B';

(2) Illi l-intimat huwa proprjetarju ta' porzjon art, adjacenti ma' dik tar-rikorrenti, ukoll formanti parti mill-porzjon art maghrufa bhala tal-Harruba li qed tigi mmarkata bl-ittra 'B' fuq Dok. 'A' hawn anness, liema art hija wkoll konfinanti ma' Triq l-Arcisqof Gargallo fil-limiti tal-Gharghur;

(3) Illi l-intimat bena sitt (6) garaxxijiet li tnejn (2) minnhom ghalkemm mibnija fuq l-art tal-intimat kienu accessibbli biss mill-art tar-rikorrenti u dan kif jidher mir-rapport peritali hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. C';

(4) Illi peress illi kien jidher illi minbarra l-garaxxijiet imsemmija, kien ser jinbena sular iehor fuq l-imsemmija garaxxijiet, liema sular kien ser ikun accessibbli wkoll mill-art tar-rikorrenti;

(5) Illi r-rikorrenti wara illi nterpella lill-intimati ta' diversi ittri ufficjali sabiex jiddesisti milli jghaddi jew ihalli lil min jghaddi mill-art tar-rikorrenti, ir-rikorrenti ntavola rikors fl-ismijiet premessi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-Numru 427/2005, liema rikors intlaqa' u l-konvenut gie mizmum milli jghaddi jew ihalli lil min jghaddi minn l-art appartenenti lir-rikorrenti, kopja tal-mandat qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'D';

(6) Illi sussegwentement l-intimat tella' hajt divizorju sabiex jifred il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet u ghalhekk gie ntavolat il-kontro-mandat rispettiv;

(7) Illi l-intimat ghalaq parzjalment il-bokok ta' daz-zewg garaxxijiet u tal-bieb illi jaghti ghall-ewwel sular, b'dan illi l-ahhar zewg filati baqghu miftuhin ghal fuq l-art appartenenti lir-rikorrenti;

(8) Illi l-intimat ghalkemm interpellat diversi drabi, kemm bonarjament kif ukoll permezz tal-ittri ufficjali datat 24 ta' Gunju, 2004 u 11 ta' Lulju, 2006 hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala Dok. 'E' u 'Dok. 'F', sabiex jaghlaq ir-rimanenti filati huwa, b'mod abbuziv u llegali u minghajr ebda titolu validu skond il-ligi, naqas milli jaghmel dan.

Ghaldaqstant, *in vista* tar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni jew provvediment illi jidhrilha xieraq u opportun:

1. Tiddikjara illi l-art tal-intimat ma tgawdix servitu' ta' twieqi fuq l-art tar-rikorrenti u ghalhekk l-intimat ma ghandu l-ebda dritt jiftah jew ihalli twieqi ghal fuq l-art tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara illi l-intimat halla twieqi ghal fuq l-art tar-rikorrenti llegalment u abbuzivament u minghajr ebda titolu validu skond il-ligi;

3. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilu jaghlaq b'mod permanenti l-imsemmija twieqi; u

4. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghlaq huwa stess l-imsemmija twieqi, *occorrendo* taht is-supervizjoni ta' perit nominandi, u dan kollu a spejjez tal-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 24 ta' Gunju, 2004 u 11 ta' Lulju, 2006 u kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-attur.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-attur mar-rikors mahluf.

Rat illi l-konvenut debitament assistit mid-difensur tieghu deher fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2007 quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) fejn iddikjara li kien se jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu jekk ma jirnexxix tentattiv sabiex il-kawza tigi transatta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-kawza tat-18 ta' Jannar 2008 (*fol*. 52) fejn din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet infurmata li l-partijiet kienu ftehmu dwar ix-xogholijiet mitluba fir-rikors li kellhom jigu esegwiti mill-konvenut.

Rat il-verbal tal-udjenza quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-28 ta’ Mejju 2008 (*fol*. 55) fejn il-Qorti kienet infurmata li t-transizzjoni kienet ghadha ma sehhitx.

Rat il-provi l-ohra li ressaq l-attur senjatament ix-xhieda tieghu *viva voce* fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2008 quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur (*fol*. 64 u 65).

Rat li minkejja li din il-Qorti fl-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2009 tat lill-konvenut zmien ragonevoli sabiex jaghmel osservazzjonijiet bil-miktub, huwa naqas li jaghmel dan.

**Ikkunsidrat:-**

Bid-dikjarazzjoni li ghamel skont *fol*. 51 tal-process, il-konvenut ta ruhu b’notifikat bir-rikors mahluf u bl-avviz tas-smigh tal-kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Sa dakinhar kien jidher li ma kienx notifikat bihom skond ir-referti negattivi *a tergo* ta’ *fol*. 45 u 46 tal-process.

Wara l-udjenza tat-28 ta’ Novembru 2007, il-konvenut baqa’ ma ressaq ebda risposta mahlufa u ghaldaqstant ghandu jitqies kontumaci skond il-ligi, anke meqjus il-fatt li fl-udjenza tat-28 ta’ Mejju 2008 quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) kien dikjarat mill-attur li t-transazzjoni baqghet ma sehhitx.

Fix-xhieda tieghu, l-attur kkonferma li fil-mori tal-kawza l-konvenut kien esegwixxa x-xogholijiet kollha li l-attur kien qed jistenna minnu u dan ghas-sodisfazzjoni tieghu.

Mix-xhieda tal-attur, ma jirrizultax li sar kuntratt ta’ transazzjoni bil-miktub kif jipprovdi l-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk, kif tajjeb osserva l-attur fin-nota tieghu, ix-xogholijiet esegwiti mill-konvenut, jolqtu t-tieni, it-tielet u r-raba’ talbiet atturi li dwarhom l-attur iddikjara li ma kienx fadallu nteress u dan fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2008

quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) (*fol*. 57) izda jhallu inpregudikata l-ewwel talba attrici.

Fil-fatt hekk jirrizulta li hu anke kunsidrat li ma saret ebda transazzjoni bejn il-partijiet kif trid il-ligi.

Wara li din il-Qorti esaminat id-dokumenti kollha esebiti mill-attur, issib li l-ewwel talba hija fondata fil-fatt u fid-dritt ghax kienet hekk debitament pruvata mill-attur, u ma kienet b'ebda mod kontradetta mill-konvenut.

Dwar il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti tghid li qabel l-attur intavola din il-kawza huwa nterpella lill-konvenut b'atti gudizzjarji sabiex jirregola ruhu u kien biss fil-mori tal-kawza li kkonforma ruhu parzjalment mat-talbiet attrici. Ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandu jbatihom il-konvenut wahdu.

**Ghalhekk *in vista* tal-premess, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza kif gej:-**

**1) Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-art tal-konvenut kif fuq indikata ma tgawdix servitu' ta' twieqi fuq l-art tal-attur kif fuq riferita u ghalhekk il-konvenut ma ghandu l-ebda dritt jiftah jew ihalli twieqi ghal fuq l-art tal-attur.**

**2) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' talbiet tal-attur *stante* li fil-mori tal-kawza l-konvenut esegwixxa x-xogholijiet kollha li kienu mistennija minnu ghas-sodisfazzjoni tal-attur.**

**3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza nkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-24 ta' Gunju 2004 u tal-11 ta' Lulju 2006.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------